MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Numru 242/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Stephen Mallia)**
**vs**
**Mark Dimech**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mark Dimech** ta' 23 sena, bin Peter u Jacqueline *nee'* Bugeja, mwieled Pieta, fl-14 ta' Jannar 1982 residenti Binja Vista Ent F Flat 4 Triq Dun Mauro Inguanez B'Kara, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 71282(M);

Talli f'xi zmien bejn id-29 ta' Novembru 2001 u s-7 ta' Dicembru 2001 fil-Mosta kkommettejt serq ta' vettura Alfa Romeo 33 bin-numru tar-registrazzjoni CAQ 524 liema serq hu kkwalfikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Noel Spiteri mill-Mosta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volotarjament hassart, ghamlit hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hi ta' izjed minn hamsin Lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) u cioe' fl-imsemmija vettura tal-marka Alfa Romeo 33 bin-numru tar-registrazzjoni CAQ 524 ghad-detriment ta' Noel Spiteri mill-Mosta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kell mod li jkun, indhalt biex tbieghhom jew tmexxiehom bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, b'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tajt taghrif falz billi ffalsifikajt in-numru tac-chassis tal-vettura tal-marka Alfa Romeo 33 bin-numru tar-registrazzjoni CAQ 524 bil-ksur tal-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat billi hassart in0numru tac-chassis tal-vettura tal-marka Alfa Romeo 33 bin-numru tar-registrazzjoni CAQ 524 bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi jzid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom jippruvaw u xjentemnet ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe' minn licenzja tal-

windscrren bin-numru serjali ‘B 551349’ u dan bi ksur tal-artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement ghamilt uzu mill-licenzja tal-windscreen ffalsifikata bin-numru tal-windscreen bin-numru serjali ‘B 551349’ bi ksur tal-artikolu 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli sirt recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 2889 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli bejn id-29 ta. Novembru 2001 u s-7 ta’ Dicembru 2001 f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer soqt vettura tal-ghamla Alfa Romeo 33 bin-numru tar-registrazzjoni CAQ 524 minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita’ dwar it-Trasport Pubbliku jew soqt l-istess vettura minghajr ma kellek licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura, u b’hekk ma kontx kopert b’polza t’assikurazzjoni ghar-riskji tat-terzi persuni.

Talli ksirt il-provvediment tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta’ Lulju 200, f’liema sentenza kont gejt misjub hati ta’ reat u lliberat taht kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien tlett snin.

Talli kkommettejt diversi reati/delitti li ghalihon hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza datata 15 t’Ottubru 2001, liema sentenza hiaj definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-avukat generali tat-22 ta’ Novembru, 2005 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz minn din il-Qorti kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza si tratta ta’ diversi akkuzi li jaggiraw ma’ l-allegat serq ta’ vettura tal-marka Alfa Romeo 33 u bejgh tal-istess vettura b’dettalji foloz. Mill-provi mressqa jirrizulta illi fis-7 ta’ Dicembru 2001, sid il-vettura tal-marka Alfa Romeo 33 numru ta’ registrazzjoni CAQ 524 ta’ lewn ahdar, ghamel rapport li din il-vettura kienet insterqitlu;

F’Jannar 2002, sid vettura tal-istess marka izda bin-numru BAA-173 kien mitlub jikkomunika mal-Pulizija wara li din tnehhiet minn post fil-Belt fejn kienet ilha ipparkjata hemm ghal madwar tlett gimghat. Minn stharrig fuq din il-vettura irrizulta illi n-numri tax-chassis u tal-magna ma kienux jaqblu mad-dettalji registrati, il-kulur taghha kien “maroon” meta suppost li kienet “ivory” u kienet f’kondizzjoni hafna ahjar minn kif kien qed jaraha. Il-licenzja tal-windscreen kellha d-data alterata u sew din kif ukoll il-pjanci tan-numru tar-registrazzjoni kienu jappartjenu l-vettura BAA-173, liema dokumenti kienu twahhlu fuq il-vettura CAQ-534 li effettivament kienet rappurtata misruqa kif fuq spjegat. Sid il-vettura CAQ-524 kien mitlub jispezjoni il-vettura BAA-173 u kkonferma li din tal-ahhar kienet tieghu minkejja li n-numru u l-kulur kienu differenti.

Jirrizulta illi wara reklam f’gurnal, l-imputat kien xtara il-vettura BAA-173 u kien inghata l-log book taghha debitament iffirmat kif ukoll polza ta’ assikurazzjoni li, pero’, kienet kancellata mis-sid precedenti appena sar il-bejgh. Fil-mori tal-investigazzjoni, certu Miriam Bugeja, kugina tal-imputat, ghamlet rapport lill-Pulizija li l-vettura taghha BAA-173 ma kienitx fil-post fejn kienet hallietha. Din qalet li kienet xtrat il-vettura minghand l-imputat.

Jirrizulta ukoll illi l-vettura li kellha pjanci mhux taghha u cioe’ dik allegatament mibjugha lil Miriam Bugeja u li kienet ta’ kulur “maroon” kienet fil-fatt mizbugha fuq il-kulur originali taghha ahdar u li din il-vettura kienet dik rapurtata misruqa CAQ-524. In-numru tax-chassis fuq din il-vettura kien tnehha kif ukoll dak fuq il-magna izda minn ezamijiet forensici irrizulta li l-magna ma kienitx tikkonforma mad-dettalji registrati.

Ikkunsidrat inoltre, illi fl-interogazzjoni tieghu, ara stqarrija ffirmata Dok SM 1 fol.20 et seq, l-imputat kien ddikjara illi l-vettura li xtara BAA 173 kien ta ghall-parts lil wiehed isejhulu “il-pinzell” u l-log book u l-pjanci kien tahom lil certu Alfred Bugeja biex dan jiscrappjaha. Jirrizulta illi Alfred Bugeja huwa z-ziju tal-imputat u missier Miriam Bugeja izda l-istess Alfred Bugeja ghazel li jivvanta d-dritt tal-privilegg li ma jixhidx fil-konfront tan-neputi tieghu. Huwa nnega li qatt kien biegh din il-vettura lil Miriam Bugeja u kkonferma li t-tfajla tieghu kienet habtet bil-vettura u ddecieda jiskrapjaha meta ta lil “pinzell” flimkien ma’ vettura ohra ghax kien debitur tieghu.

Illi minn dan kollu jirrizulta illi l-uniku ness li hemm bejn il-vettura misruqa CAQ 524 u l-imputat hija din Miriam Bugeja li qalet li xtrat il-vettura BBA 173 minghand l-imputat izda frankament din il-Qorti mhix konvinta minn dak kollu li qalet din ix-xhud. Il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex l-imputat allegatament ghadda minn dan ic-ciklu kollu fejn l-ewwel seraq vettura, xtara ohra bhala bil-prezz ta’ Lm100 izda iddecieda li jiskrappajha biex nel frattemp nefaq il-flus billi xtara vettura bhala, biddel il-kulur ta’ dik misruqa, bidlilha s-seats u skambja d-dokumenti biex b’hekk biegh dik misruqa ghall-tlett mitt lira.

Il-Qorti mhix konvinta ‘l hinn minn kull dubju ragjonevoli li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u ghal dawn il-mottivi qed tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------